VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,433, 5 ta' Ġunju, 2009

Taqsima B

A.L. 165 ta' l-2009

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI

(KAP. 12)

Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet li jitħallsu lil Irkantaturi Pubbliċi jew Sensala f'Bejgħ b'Irkant fil-Qorti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 319(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), il-Ministru tal-Ġustizzja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet li jitħallsu lil Irkantaturi Pubbliċi jew Sensala f'Bejgħ b'Irkant fil-Qorti, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Drittijiet li jitħallsu lil Irkantaturi Pubbliċi jew Sensala f'Bejgħ b'Irkant fil-Qorti, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 12.25

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "żero punt tnejn fil-mija tal-valur ta' l-oġġett mibjugħ, mingħand il-bejjiegħ biss" għandhom jidħlu l-kliem "żero punt tnejn fil-mija tal-prezz ta' l-oġġett mibjugħ, mingħand ir-rikorrent li jkun talab li jsir il-bejgħ bl-irkant biss"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "żero punt wieħed fil-mija tal-valur ta' l-oġġett mibjugħ, mingħand il-bejjiegħ biss" għandhom jidħlu l-kliem "żero punt wieħed fil-mija tal-prezz ta' l-oġġett mibjugħ, mingħand ir-rikorrent li jkun talab li jsir il-bejgħ bl-irkant biss".